# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Gunju, 2001

**Numru**

**Avviz numru:  192/01mm**

**Mace Developments Limited**

**vs**

**Joseph Abela**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghad-dikjarazzjoni li tigi:

(1) xjolta u terminata l-kirja moghtija lill-konvenut tal-garaxx "B" u *Domestic Storage Room* bl-ittra "e" formanti parti minn "Rundle Court",

gewwa Triq Il-Mahsel, St. Thomas Bay, ai termini tal-iskritura ffirmata bejn il-kontendenti fis-6 ta' April, 1998, annessa u immarkata bhala *Dok. A.*;

(2) il-konvenut ikun ikkundannat konsegwentement li, fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lill-konvenut minn dina l-Onorabbli Qorti, jizgombra mill-imsemmI garage u *Domestic Storage Room* u li jikkonsenjahom favur is-socjeta' attrici, flimkien mac-cwievet u l-accessorji kollha li hemm fihom; u

(3) il-konvenut ikun ikkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm525.00) rapprezentanti arretrati ta' kera gravanti fuq l-istess fondi sa' l-iskadenza li ghalqet fl-1 ta' Jannar, 2001;

Salv id-drittijiet tas-socjeta' attrici, inkluz ghall-hlas ta' penali, naxxenti mill-imsemmija skrittura tas-6 ta' April, 1998, u salv kull azzjoni ohra ghall-hlas ta' kera li tista' tkun tavolata dovuta wara l-31 ta' Marzu, 2001, u sew ghad-danni f'kaz li l-fondi arrekaw xi hsarat sostanzjali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-23 ta' Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-effettiv pagament, kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, tiddikjara xjolta u terminata l-kirja msemmija u tipprefiggi terminu ta' xahar sabiex il-konvenut jizgombra mill-garaxx "B" u *Domestic Storage Room* bl-ittra "e" formanti parti minn "Rundle Court" gewwa Triq Il-Mahsel, St. Thomas Bay, u jikkonsenjhom favur is-socjeta' attrici flimkien mac-cwievet u l-accessorji kollha li hemm fihom u tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u

hamsa u ghoxrin lira Maltin(Lm525) rapprezentanti arretrati ta' kera gravanti fuq l-istess fondi sa' l-iskadenza li ghalqet fl-1 ta' Jannar, 2001, bl-ispejjez kontra l-konvenut .

Anthony Zammit

Deputat Registratur